Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/122

16.1.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/122

## tas-16 ta' Jannar 2026

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Jannar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 [1].

(2) F'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385, il-Kunsill wettaq rieżami tal-miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness għal dik id-Deċiżjoni. Il-Kunsill ikkonkluda li l-entrata ta' individwu wieħed deċedut jenħtieġ li titħassar u li l-entrata ta' individwu wieħed jenħtieġ li tiġi aġġornata. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 tiġi estiża sal-20 ta' Jannar 2027.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, id-data "20 ta' Jannar 2026" hija sostitwita bid-data "20 ta' Jannar 2027";

(2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. RAOUNA

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/385 tad-19 ta' Jannar 2024 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina (ĠU L, 2024/385, 19.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/385/oj).

*ANNESS*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi", l-entrata 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1. | Abdelbasit Elhassan Mohamed Khair HAMZA | Data tat-twelid: 28.8.1955<br>Post tat-twelid: Sudan<br>Nazzjonalità: Sudaniża<br>Passaport Nru: B00018729 (Sudan)<br>Sess: raġel | Abdelbasit Elhassan Mohamed Khair Hamza huwa finanzjatur tal-Ħamas ibbażat is-Sudan li jimmaniġġa kumpaniji fil-portafoll ta' investiment tal-Ħamas. Abdelbasit Elhassan Mohamed Khair Hamza ffaċilita l-fondi għall-Ħamas permezz ta' network ta' kumpaniji, inkluż b'mod partikolari Al Rowad Real Estate Development u Al Zawaya Group for Development and Investment. Għaldaqstant, Abdelbasit Elhassan Mohamed Khair Hamza jipparteċipa fil-finanzjament tal-Ħamas. | 19.1.2024"; |

(2) taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi", titħassar l-entrata li ġejja:

11. Ismail Barhoum.